**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 27 TA' GUNJU, 2002**

**Avviz Numru 1068/02 AJD**
**Frank Borda Limited**

**Vs**

**Anthony u Doreen Boyanzis**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti tigu kkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltin u tlett centezmi (Lm450.03) rappresentanti, in kwantu ghal erba' mija u hamsa u erbghin lira Maltin u tlett centezmi (Lm445.03) bilanc ta' prezz ta' airconditioner mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti mis-socjeta' attrici u kwantu ghal hames liri bhala spejjes legali.
Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma dehrux u lanqas

ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Claudine Zarb in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u hamsa u erbghin lira Maltin u tlett centezmi (Lm445.03), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**